## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 22 ta` Novembru 2016**

**Rik. Nru. 1331/14/1 JZM**

**Fl-atti tal-mandat ta` qbid numru 1331/2014 fl-ismijiet:**

**Darren Borg u David Borg**

***kontra***

**Geomike Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta George sive` Gino Cauchi ghan-nom u in rapprezentanza ta` Geomike Ltd (C8820) fil-25 ta` Mejju 2016.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Mejju 2016.

Rat ir-risposta li pprezenta Randolph Cauchi fis-6 ta` Gunju 2016.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat ir-risposta li pprezentaw David Borg u Darren Borg fl-20 ta` Gunju 2016.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Lulju 2016.

Semghet ix-xiehda ta` Randolph Cauchi, ta` George sive` Gino Cauchi, u tal-Marixxall Mario Genuis.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2016.

Rat id-dokumenti l-ohra li kienu prezentati fil-kors tal-procediment.

Rat id-digriet li nghata fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2016 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment kamerali.

Billi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu kontradetti mill-kunsinnatarju.

Billi l-provi li gab ir-rikorrent ma jissodisfawx il-grad tal-prova rikjest mil-ligi fi procedimenti ta` din ix-xorta.

Billi r-rikorrent ma gharafx isostni l-allegazzjonijiet tieghu bi provi determinanti u oggettivi li jxejnu d-difiza tal-kunsinnatarju.

Billi ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrent jibqghu allegazzjonijiet mhux ippruvati.

Billi ma hemmx il-prova tal-Art 286(1) u tal-Art 289(1) tal-Kap 12 citati mir-rikorrent bhala bazi tal-istanza tieghu.

Tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, spejjez ghar-rikorrent.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**